# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

# IMHALLEF:

# ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 26 ta' Gunju, 2001**

**Numru 18**

**Cit. Nru. 740/2001 GCD**

**Bromford Iron & Steel Co (Med) Ltd.**

**Vs**

**Pilastri Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` attrici bieghet u kkonsenjat merkanzija lis-socjeta` konvenuta;

Illi fuq dan il-bejgh fadal bilanc pendenti dovut lis-socjeta` attrici ta' tlieta u tletin elf erba' mija u erbghin lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm33,440.12) li s-socjeta` konvenuta ghadha ma hallsitx;

Illi ghalkemm interpellata biex thallas, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi dan id-debitu tas-socjeta` konvenuta fil-konfront tas-socjeta` attrici huwa cert, likwidu u dovut ai termini ta' l-artiklu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif l-istess socjeta` attrici tikkonferma fid-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni, u fil-fehma tas-socjeta` attrici s-socjeta` konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm33,440.12; u

2. tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-art. 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-imghax legali u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mac-citazzjoni kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Peter Fenech u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq.* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

Cm